



L-Avukat Ġenerali Hogan jipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li għalkemm l-Unjoni Ewropea ffirmat il-Konvenzjoni ta' Istanbul, il-Kunsill huwa intitolat jistenna, mingħajr madankollu ma jiġi mġiegħel jagħmel dan, il-ftehim komuni tal-Istati Membri kollha li jintrabtu ma' din il-konvenzjoni qabel ma jiddeċiedi jekk u sa fejn l-Unjoni tkun ser taċċedi għaliha.

L-Avukat Ġenerali Hogan jissuġġerixxi wkoll li l-Konvenzjoni ta' Istanbul jista' jiġi konkluż abbażi tal-Artikoli 78(2) TFUE, 82(2) TFUE, 84 TFUE u 336 TFUE permezz ta' żewġ deċiżjonijiet separati.

Il-Konvenzjoni ta' Istanbul ¹ dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza Kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika ġiet adottata mill-Kunsill tal-Ewropa fis-7 ta' April 2011, u nfetħet għall-iffirmar fil-11 ta' Mejju 2011. L-ewwel proposta mill-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' Istanbul f'isem l-Unjoni ma kisbitx l-appoġġ suffiċjenti tal-membri tal-Kunsill. Konsegwentement, ġie deċiż li l-portata tal-proposta ta' konklużjoni mill-Unjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul titnaqqas u sempliċiment tiġi limitata għal dawk il-kompetenzi li tqiesu li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pożizzjonijiet partikolari tal-Irlanda u tar-Renju Unit, kif previst fil-Protokoll Nru 21 anness mat-Trattat UE u mat-Trattat FUE, ġie deċiż ukoll li l-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' Istanbul tinqasam f'żewġ deċiżjonijiet separati.

Iż-żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill ġew adottati fil-11 ta' Mejju 2017. L-ewwel waħda tirrigwarda l-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-Unjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tagħha li jaqgħu fil-kompetenzi tal-Unjoni f'materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u, bħala bażijiet legali sostantivi, issemmi l-Artikoli 82(2) TFUE u 83(1) TFUE ². It-tieni waħda tkopri l-aspetti ta' dik il-konvenzjoni li jirrelataw mal-ażil u man-non-refoulement u, bħala bażi legali sostantivi, issemmi l-Artikolu 78(2) TFUE ³. Il-premessi taż-żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill jinkludu riferimenti għall-kompetenzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

Fid-9 ta' Lulju 2019, il-Parlament Ewropew talab, skont l-Artikolu 218(11) TFUE, l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Permezz tal-ewwel domanda tiegħu, il-Parlament Ewropew jistaqsi liema artikoli tat-Trattat FUE għandhom jikkostitwixxu l-bażijiet legali xierqa għall-att tal-Kunsill dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Huwa jistaqsi wkoll jekk huwiex neċessarju jew possibbli li jiġu adottati żewġ deċiżjonijiet separati dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Permezz tat-tieni domanda tiegħu, il-Parlament Ewropew jistaqsi jekk il-konklużjoni mill-Unjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, konformement mal-Artikolu 218(6) TFUE, hijiex kompatibbli mat-Trattati fl-assenza ta' ftehim komuni tal-Istati Membri kollha dwar il-kunsens tagħhom li jintrabtu mal-imsemmija konvenzjoni.

¹ Il-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza Kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika, 7 ta' April 2011.

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/865 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU 2017, L 131, p. 11).

³ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/866 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-asil u n-non-refoulement (ĠU 2017, L 131, p. 13).

Fil-konklużjonijiet tal-lum, l-Avukat Ġenerali Gerard Hogan jipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi lid-domandi magħmula mill-Parlament Ewropew b'dan il-mod:

Jekk l-intenzjonijiet tal-Kunsill fir-rigward tal-portata tal-kompetenzi kondiviżi li għandhom jiġu eżerċitati mal-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul jibqgħu l-istess, id-deċiżjoni li tawtorizza din il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea għandha tkun ibbażata fuq l-Artikoli 78(2) TFUE, 82(2) TFUE, 84 TFUE u 336 TFUE bħala bażijiet legali sostantivi.

Il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-Unjoni Ewropea permezz ta' żewġ atti separati ma hijiex ta' natura li tagħmel dawn l-atti invalidi.

Id-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea li tikkonkludi l-Konvenzjoni ta' Istanbul tkun kompatibbli mat-Trattati jekk tiġi adottata fl-assenza ta' ftehim komuni tal-Istati Membri dwar il-kunsens tagħhom li jintrabtu ma' din il-konvenzjoni. Barra minn hekk, madankollu, din id-deċiżjoni tkun ukoll kompatibbli mat-Trattati jekk tiġi adottata biss wara li jkun ġie stabbilit tali ftehim komuni. Huwa esklużivament il-Kunsill li għandu jiddeċiedi liema waħda minn dawn iż-żewġ soluzzjonijiet hija l-aħjar.

L-Avukat Ġenerali jqis li d-domandi kollha magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Parlament Ewropew għandhom jitqiesu li huma ammissibbli, ħlief għall-parti (b) tal-ewwel domanda, iżda biss sa fejn tikkonċerna d-deċiżjoni li tiġi ffirmata l-Konvenzjoni ta' Istanbul. B'hekk, peress li l-Parlament Ewropew ma kkontestax, kif seta' jagħmel, il-validità tad-deċiżjonijiet tal-iffirmar u għalhekk dawn saru definittivi, din l-istituzzjoni ma tistax tuża l-proċedura ta' opinjoni sabiex iddur mat-termini li japplikaw għall-preżentata ta' rikors għal annullament.

Il-bażijiet legali xierqa fir-rigward tal-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul

L-Avukat Ġenerali jipproponi li tiġi segwita l-linja ġurisprudenzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li, meta att isegwi diversi għanijiet jew ikollu diversi komponenti, dan l-att għandu jkun ibbażat, bħala prinċipju, fuq bażi legali waħda u, eċċezzjonalment, fuq diversi, jiġifieri, dawk li jikkorrispondu għall-għanijiet jew għall-komponenti predominanti jew, minn tal-inqas, għal dawk prinċipali ta' dan l-att. Minn dan isegwi li huwa irrilevanti jekk fl-adozzjoni tal-att inkwistjoni ġewx eżerċitati kompetenzi oħra sakemm dawn il-kompetenzi l-oħra jikkonċernaw għanijiet jew komponenti ta' dan l-att li huma anċillari.

Barra minn hekk, meta l-Unjoni tagħżel li ma teżerċitax il-kompetenzi kollha tagħha, huwa importanti, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, li ssir distinzjoni bejn id-deċiżjoni li tawtorizza l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali u l-ftehim innifsu. Peress li, f'dak li jirrigwarda l-adeżjoni għall-Konvenzjoni ta' Istanbul, jidher ċar li l-Kunsill għandu l-intenzjoni li l-Unjoni teżerċita biss xi wħud mill-kompetenzi tagħha, l-Avukat Ġenerali Hogan jemmen li huwa xieraq li minflok il-Konvenzjoni ta' Istanbul fl-intier tagħha, jitqiesu biss dawk il-partijiet ta' din il-konvenzjoni li, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, ser ikunu vinkolanti għall-Unjoni.

F'dan ir-rigward, l-Avukat Ġenerali Hogan josserva li, f'dan il-każ, ma jidhri li huwa meħtieġ li tingħata deċiżjoni definittiva dwar jekk l-Unjoni għandhiex, kif iqis il-Kunsill, kompetenza esklużiva sabiex tikkonkludi l-Konvenzjoni ta' Istanbul fl-oqsma tal-ażil u tal-immigrazzjoni u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u, għaldaqstant, jekk l-Unjoni hijiex obbligata teżerċita l-imsemmija kompetenzi. Id-domanda magħmula mill-Parlament Ewropew hija bbażata fuq il-premessa li l-Unjoni ser teżerċita, minn tal-inqas, il-kompetenzi tagħha fil-qasam tal-ażil u tal-immigrazzjoni u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

Wara li analizza l-għanijiet u l-komponenti tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, l-Avukat Ġenerali Hogan josserva li l-konklużjoni, mill-Unjoni, tal-Konvenzjoni ta' Istanbul hija ta' natura li tista' tikkonċerna numru kbir ta' kompetenzi li huma kompetenzi esklużivi tal-Unjoni jew li hija tikkondiviżi mal-Istati Membri, u għaldaqstant, numru kbir ta' bażijiet legali taħt it-Trattat FUE jistgħu jkunu teoretikament rilevanti. Madankollu, huwa jżid li l-bażi jew bażijiet legali ta' att ma humiex mistennija jirriflettu l-kompetenzi kollha eżerċitati għall-adozzjoni tiegħu. Id-deċiżjoni li tawtorizza l-konklużjoni mill-

Unjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul għandha tkun ibbażata biss fuq il-bażi jew bażijiet legali li jikkorrispondu għal dak li ser ikun iċ-ċentru ta' gravità ta' din id-deċiżjoni. Sabiex tiġi ddeterminata tali bażi legali, l-Avukat Ġenerali Hogan iqis li huwa meħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss l-għanijiet u l-komponenti tal-Konvenzjoni ta' Istanbul iżda wkoll dawk l-għanijiet u l-komponenti li huma iktar speċifiċi għal din id-deċiżjoni stess.

L-Avukat Ġenerali Hogan iqis ukoll ir-rilevanza ta' bażijiet legali differenti minn dawk imsemmija mill-Parlament Ewropew fid-domanda tiegħu billi jeżamina d-diversi kompetenzi li jistgħu jkunu kkonċernati mill-Konvenzjoni ta' Istanbul. Huwa mbagħad jipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda billi tgħid li, fid-dawl tal-portata tal-konklużjoni prevista mill-Kunsill, id-deċiżjoni li tawtorizza lill-Unjoni tipproċedi b'din il-konklużjoni għandha tkun ibbażata fuq l-Artikoli 78(2) TFUE, 82(2) TFUE, 84 TFUE u 336 TFUE.

Jekk l-awtorizzazzjoni sabiex tiġi konkluża l-Konvenzjoni ta' Istanbul tistax tingħata permezz ta' żewġ deċiżjonijiet separati

L-Avukat Ġenerali Hogan josserva li d-domanda magħmula mill-Parlament Ewropew tikkonċerna l-validità formali futura tad-deċiżjoni li tiġi konkluża l-Konvenzjoni ta' Istanbul. F'dan ir-rigward, għandu jifhem li mill-Artikolu 263 TFUE jirriżulta li l-validità formali ta' atti tista' tiddaħħal inkwistjoni biss jekk ikun hemm ksur ta' rekwiżit formali essenzjali. Huwa jqis li l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul permezz ta' żewġ deċiżjonijiet minflok permezz ta' deċiżjoni waħda ma jidhri li hija ta' natura tali li jista' jkollha konsegwenzi fuq ir-regoli dwar il-votazzjoni applikati kif kien il-każ f'sentenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Dan huwa minħabba li, l-ewwel, ma huwiex ikkontestat li, irrispettivament min-numru ta' deċiżjonijiet li ser jiġu adottati, l-adozzjoni tagħhom dejjem ser taqa' fil-kompetenza tal-Unjoni. It-tieni, fir-rigward tar-regoli dwar il-votazzjoni, għandu jiġi osservat li l-fatt li deċiżjoni tinqasam f'żewġ atti separati jista' jaffettwa l-validità tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali jekk l-ewwel att li għandu jiġi adottat jiġi fil-fatt adottat skont regoli dwar il-votazzjoni partikolari u t-tieni wieħed jiġi adottat permezz ta' regoli dwar il-votazzjoni differenti f'ċirkustanzi fejn, li kieku ġie adottat att wieħed biss, kienet tiġi applikata regola waħda biss. Madankollu, f'dan il-każ jirriżulta li l-bażijiet legali kkonċernati kollha jwasslu għall-applikazzjoni tal-istess proċedura.

L-Avukat Ġenerali Hogan għalhekk jipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domanda tal-Parlament Ewropew fis-sens li l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-Unjoni permezz ta' żewġ atti separati ma hijiex ta' natura li tagħmel dawn l-atti invalidi.

Id-domanda dwar il-validità ta' deċiżjoni mill-Kunsill li tikkonkludi l-Konvenzjoni ta' Istanbul jekk tiġi adottata fl-assenza ta' ftehim komuni tal-Istati Membri kollha dwar il-kunsens tagħhom li jintrabtu ma' din il-konvenzjoni

F'dan ir-rigward, l-Avukat Ġenerali Hogan iqis li l-Kunsill ma huwa suġġett għal ebda obbligu li jistenna l-ftehim komuni tal-Istati Membri, u lanqas ma huwa suġġett għal xi obbligu li jikkonkludi ftehim internazzjonali, bħalma hija l-Konvenzjoni ta' Istanbul, immedjatament wara li jiffirmah. Għall-kuntrarju, huwa l-kompitu tal-Kunsill li jevalwa, fid-dawl ta' fatturi bħalma hija l-portata tar-riskju ta' nuqqas mhux iġġustifikat ta' eżekuzzjoni tal-ftehim imħallat inkwistjoni min-naħa ta' Stat Membru, il-possibbiltà li jikseb il-maġġoranza meħtieġa fi f'dan il-Kunsill sabiex jeżerċita waħdu l-kompetenzi kondiviżi kollha.

Għaldaqstant, qed jiġi jipproponi li t-tieni domanda tingħata risposta billi jingħad, l-ewwel, li d-deċiżjoni tal-Unjoni li tikkonkludi l-Konvenzjoni ta' Istanbul tkun kompatibbli mat-Trattati jekk tiġi adottata fl-assenza ta' ftehim komuni mill-Istati Membri kollha dwar il-kunsens tagħhom li jintrabtu ma' din il-konvenzjoni. Madankollu, din id-deċiżjoni tal-Unjoni li tikkonkludi l-Konvenzjoni ta' Istanbul tkun ukoll kompatibbli mat-Trattati jekk tiġi adottata biss wara li jkun ġie stabbilit tali ftehim komuni. Huwa esklużivament il-Kunsill li għandu jiddeċiedi liema waħda minn dawn iż-żewġ soluzzjonijiet hija l-aħjar.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Stat Membru, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jiksbu l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk ftehim maḥsub ikunx kompatibbli mat-Trattati. Meta l-opinjoni tal-Qorti tkun kuntrarja, il-ftehim maḥsub ma jistax jidħol fis-seħħ sakemm ma jiġix emendat jew it-Trattati ma jiġux riveduti.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355